*Disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti*

*Art 997 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta*

*Ksur ta' Digriet moghti mill-Qorti tal-Familja*

*Preskrizzjoni - Art 688(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## MHALLEF

## ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

## Seduta ta' nhar it-Tlieta, 31 ta' Ottubru 2017

**Kawza Numru : 25**
**Rikors Guramentat Numru : 319/2015/LSO**

**Id-Direttur, Qrati Civili u Tribunali bhala Registratur, Qrati u Tribunali Civili**

**vs**

**Maria Beck (ID 259172 (M))**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat tad-Direttur, Qrati Civili u Tribunali datat 9 ta’ April 2015 fejn bir-rispett u bil-gurament tieghu Emanuel Sciriha ID 22361(M) iddikjara : -

IIIi permezz ta' digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) datat 13 ta' Lulju 2007, anness u mmarkat bhala Dok A, l-intimata inghatat id-dritt illi tibqa’ tghix esklussivament fid-dar matrimonjali flimkien mat-tfal taghha filwaqt illi r-rageI taghha, Emanuel Beck, gie ordnat jivvaka tali dar;

Illi, permezz tal-istess digriet, l-intimata giet ordnata illi ma thalli ebda mill-genituri taghha jmorru fid-dar matrimonjali;

Illi, fis-seduta tas-16 ta' Settembru 2009, filwaqt illi omm l-intimata, Catherine Schembri kienet qieghda tixhed quddiem il-Qorti, hija stqarret li hija u r-ragel taghha jmorru mill-anqas darbtejn fil-gimgha fid-dar matrimonjali u joqghodu hemm flimkien mal-intimata, liema xhieda tinsab annessa u mmarkata Dok B;

Illi, permezz ta' rikors ipprezentat fit-13 ta' Jannar 2010 anness u mmarkat Dok C, Emanuel Beck gab dana kollu a konjizzjoni ta' dina l-Qorti u talab illi jittiehdu passi kontra l-intimata;

Illi, permezz ta' digriet tal-Qorti datat 29 ta' Jannar 2010 anness u mmarkat Dok D, il-Qorti, wara illi rat ir-risposta tal-intimata, liema risposta hija annessa u mmarkata Dok E, ordnat lir-Registratur tal-Qorti sabiex jistitwixxi proceduri ghal disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti kontra l-intimata;

Illi ghalhekk kellu jsir dan ir-rikors.

Ghaldaqstant *in vista* tas-suespost, tghid l-intimata ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1. Issib lill-intimata hatja ta' disprezz kontra l-awtorita' taghha *ai termini* tal-artikolu 997 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna lill-intimata ghall-pieni indikati fl-istess artikolu u tikkundannaha ghall-prigunerija ghal zmien sa xahar jew ghal multa ta' mhux inqas minn mitejn u tlieta u tletin ewro (€233) u mhux aktar minn elfejn tliet mija u tletin ewro (€2,330) jew ghal multa u prigunerija flimkien;

3. Timponi kwalunkwe ordni ohra mehtiega fuq l-intimata *ai termini* ta' l-artikolu 997 sub-artikolu (2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta inkluz billi tiffissa zmien perentorju sakemm dawn l-istess ordnijiet ghandhom jigu sodisfatti mill-intimata;

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-intimata in subizzjoni, u bir-riserva ta' kull dritt ta' azzjoni ulterjuri skont il-ligi.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-21 ta' Mejju 2015.

Rat ir-risposta guramentata ta' Marita Beck (ID 259172 M) datata 20 ta' Ottubru 2015 (fol 37) fejn bir-rispett u bil-gurament taghha tghid li taf di xjenza proprio:

1. Preliminarjament l-azzjoni tentata hija preskritta *a tenur* ta' l-artikolu 688 (e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta fejn jiddisponi illi "*Bla hsara fejn il-ligi tiddisponi* xort' *ohra, l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni ....bl-gheluq ta' sentejn ghad-delitti suggetti ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' inqas minn sena jew tal-multa jew ghall-piena tal-kontravenzjonijiet."* Qieghed jigi invokat dan l-artikolu tal-ligi peress illi disprezz jammonta ghal reat kriminali u l-procediment ta' disprezz huwa wiehed ta' natura penali ukoll jekk jiehu s-sura ta' proceduri civili.

2. Illi fil-mertu t-talbiet ta' l-attur ghandhom jigu michuda fil-fatt u fid-dritt ghas-segwenti ragunijiet:

*a.* Illi digriet moghti mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) tat-13 ta' Lulju tas-sena 2007 jghid testwalment hekk: *Il-Qorti Rat ir-rikors, Rat ir-risposta, Semghet lir-rikorrenti. Tordna sabiex b'effett immedjat, il-genituri ta' l-intimata johorgu mid-dar konjugali.*

b. Illi dan id-digriet inghata in segwitu ghar-rikors tal-5 ta' Lulju <u>2007</u> fejn ir-rikorrenti Emanuel Beck kien ippremetta

illi Marita Beck (il-konvenuta f'din il-kawza), dahhlet il-genituri taghha gewwa d-dar konjugali.

c. Illi kwindi jemergi bic-car illi l-Qorti riedet tipprojbixxi lill-genituri tal-konvenuta milli jabitaw fid-dar konjugali. Kinux fil-fatt jabitaw fil-fond konjugali jew le huwa irrelevanti, pero' l-projbizzjoni kienet cara.

d. IIli f'dan is-sens, il-konvenuta, ma kisret l-ebda ordni. Il-genituri tal-konvenuta ma gewx prekluzi milli jzuruha fid-dar jew li jirriparawlha xi haga li tkun inkisret fid-dar jew sabiex jghinuha fil-manutenzjoni tad-dar.

e. Illi dan jirrizulta ampjament mix-xiehda moghtija fis-16 ta' Settembru tas-sena 2009, minn omm il-konvenuta Catherine Schembri, fejn f'pagna 10 xehdet illi kull filghodu hi jew zewgha, Alfred Schembri, kienu jmorru ghand il-konvenuta sabiex iwasslu lin-neputijiet sabiex jirkbu l-vann tal-iskola. Xehdet ukoll illi hi u zewgha kienu jmorru circa darbtejn fil-gimgha ghand binthom l-esponenti u dan sabiex jghinuha u jaghtuha daqqa t'id f' dak kollu li kien ikollha bzonn peress illi kienet qieghda trabbi liz-zewg uliedha, wahda minnhom b'kundizzjoni medika serja.

f. Mit-traskrizzjoni tax-xiehda ta' Catherine Schembri jirrizulta illi l-Avukata Anna Mallia infurmatha illi la hi u lanqas zewgha ma suppost imorru fil-fond ta' binthom u dan minhabba l-ordni tal-Qorti. Bid-dovut rispett l-ordni tal-Qorti ma kinitx tghid hekk.

3. Salv ecezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tar-Registratu tal-Qrati Civili u Tribunal ipprezentata *seduta stante* fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2017 a fol 105 tal-process.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet ta' Marita Beck (ID 259172M) datata 19 ta' Gunju 2017 a fol 112 tal-process.

Rat il-verbali kollha tas-seduti mizmuma inkluz dak tas-27 ta' Gunju 2017 (fol 118) fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet li qablu li l-kawza tibqa' ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-31 ta' Ottubru 2017 fid-9:30am.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din hija kawza dwar disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti istitwita a tenur tal-**artikolu 997 et sequitur tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. L-Artiklu 997** jipprovdi s-segwenti:

*"997. (1) illi fi proċedimenti istitwiti għal xi att jew ommissjoni li tammonta għal disprezz lejn l-awtorità tal-Qorti, il-ħati jista', mal-kundanna, jiġi kkundannat għal priġunerija għal żmien sa xahar jew għal multa ta' mhux inqas minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda mhux iktar minn elfejn tliet mija u*

*disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) jew għall-multa u l-priġunerija flimkien.*

*(2) Il-Qorti tista', ukoll jekk tkun tat xi piena lil min jagħmel ir-reat, tordnalu t-tneħħija ta' kull diżordni jew inkonvenjent li bih ikun sar ir-reat fi żmien biżżejjed għal dan il-għan iżda f'ebda każ iktar minn tliet xhur mid-data tas-sentenza, li tiġi stabbilita mill-Qorti; u jekk min jagħmel ir-reat jonqos milli jħares xi ordni bħal dak fiż-żmien hekk stabbilit, hu jeħel penali ta' ammenda ta' mhux inqas minn tlieta u għoxrin ewro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€23.29) u mhux iktar minn mija u sittax-il ewro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47) kif il-Qorti tistabbilixxi, għal kull ġurnata li matulha jkompli n-nuqqas wara li jgħaddi ż-żmien imsemmi."*

Illi l-azzjoni hija ppernjata fuq allegat ksur ta' digriet tal-Qorti (Sezzjoni Familja) datat 13 ta' Lulju 2007 fejn ir-rikorrent jippremetti fir-rikors promotur li l-intimata Maria Beck inghatat id-dirtt tibqa' tghix esklussivament fid-dar matrimonjali mat-tfal taghha u fl-istess digriet giet ordnata ma thalli hadd mill-genituri taghha jmur f'din id-dar li kienet id-dar matrimonjali.

Illi izda d-dokument anness bhala Dok A (fol.5) mar-rikors promotur ma jghid xejn minn dan. Minflok, dan id-Digriet, datat wkoll nhar it-13 ta' Lulju 2007 jikkonsisti f'ordni sabiex "*b'effett immedjat il-genituri tal-intimata* <u>*johorgu*</u> *mid-dar matrimonjali."* (enfasi ta' din il-Qorti).

Huwa proprju f'dan is-sens il-kontestazzjoni tal-intimata permezz tat-tieni eccezzjoni taghha kif ser jigi trattat iktar 'il quddiem.

In linja difensjonali, l-intimata sostniet li hi ma kisret l-ebda ordni tal-Qorti, peress li l-genituri taghha ma gewx prekluzi milli jzuruha fid-dar jew li jirriparawlha xi haga li nkisret fid-dar, jew ighinu fil-manutenzjoni tad-dar. Illi tramite t-tieni ecezzjoni, l-intimata qed tikkonferma li jirrizulta mix-xhieda tas-16 ta' Settembru 2009, li kienu jmorru regolarment ghand binthom sabiex jghinuha.

**<u>Provi:</u>**

**Emanuel Beck** xehed permezz ta' affidavit (fol 42) fejn qal li d-dar Edelweiss, Carini Street, Santa Venera, hija d-dar tieghu li kienet id-dar matrimonjali, u li skont id-digriet tal-Qorti, l-eks mara tieghu tista' biss tirrisjedi hemm maz-zewg uliedu. Izda, semma li meta kien hemm rapport ta' grieden f'dik id-dar, fir-rapport intqal li kienu joqghodu erba' persuni, b'intendiment li kien hemm l-omm Catherine Schembri wkoll toqghod hemm.

**Maria Beck** xehdet (fol 77-85)[1] u kkonfermat ix-xhieda li kienet tat ommha fejn qalet li kienet tmur id-dar biex tghinha kull gimgha, liema xhieda inghatat quddiem Dr. Elena Naudi Depasquale. Hi kkonfermat li l-genituri taghha kienu jmorru ghandha darba fil-gimgha, izda qatt ma raqdu

[1] Seduta tal-4 ta' Ottubru 2016.

hemm. Esebiet certifikati medici dwar il-kondizzjonijiet medici taghha fil-pulmun u fil-gilda.

**Alfred Schembri** xehed permezz ta' affidavit (fol 88) li qal hu missier l-intimata, u hu u martu kienu jmorru xi saghtejn fil-gimgha ghand l-intimat, specjalment biex ighinuha ghat-tank tal-ossignu fil-kamra tas-sodda taghha, izda qatt ma raqdu hemm.

In **kontro-ezami** xehed (fol 96-101)[2] u qal, li cahad li qatt raqad fid-dar ma' bintu, u meta bintu biddlet ic-cavetta biex l-eks ragel ma jibqax jidhol, hu wkoll ma kellux cavetta. Spjega li meta kien imur id-dar ta' bintu, kien imur biex ibidlilha l-ossignu.

**Catherine Schembri** xehdet permezz ta' affidavit (fol 89) u kkonfermat l-ewwel paragrafi tal-affidavi ta' zewgha u li kienet tmur id-dar ta' bintha semplicement biex tghinha. Qalet li fl-ebda mument, hadd ma qalilha li ma tistax tmur id-dar ta' bintha.

**Claudia Beck** xehdet permezz ta' affidavit (fol 90) u qalet li hi bint l-intimata, u n-nanniet taghha kienu jigu d-dar biex jghinu lil ommha li ghandha kundizzjoni medika fil-pulmun u fil-gilda.

[2] Seduta tad-9 ta' Frar 2017

Xehdet ulterjorment (fol 94-95)[3] u qalet li meta kienu jigu n-nannet id-dar ma kienux jidhlu bic-cavetta imma kienu jifthulhom.

**Kenneth Beck** xehed permezz ta' affidavit (fol 91) u kkonferma dak li qalet ohtu Claudia Beck.

**<u>L-Ewwel Eccezzjoni - preskrizzjoni ta' sentejn:</u>**

Illi gie eccepit fl-ewwel lok, li l-azzjoni attrici hija preskritta a tenur **tal-artikolu 688 (e) tal-Kap 9.**

**L-artikolu 688 (e) tal-Kap 9** jipprovdi li l-azzjoni kriminali taqa' *inter alia:*

*"bl-eghluq ta' sentejn ghad-delitti suggetti ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' anqas minn sena, jew tal-multa jew ghall-pieni tal-kontravenzjonijiet".*

L-intimata qed targumenta li galadarba gie stabbilit li ghal tali disprezz japplikaw ir-regoli fil-kamp penali, ghal dak li jirrigwarda n-natura ta' reat, u l-grad ta' prova, isegwi li ghandhom jigu applikati dawk r-regoli tal-preskrizzjoni li jghoddu fil-kamp penali, u, *stante* li din il-kawza giet ipprezentata fid-9 ta' April 2015, huwa manifest li l-azzjoni hija preskritta bl-applikazzjoni tal-artikolu tal-ligi fuq citat.

Min-naha l-ohra, l-attur issottometta fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, li l-kawza odjerna hija kawza ta'

[3] Seduta tad-9 ta' Frar 2017.

disprezz, li taqa' taht id-dispozizzjonijiet tal-**Artikolu 988 sa 1003A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta**, izda dan ma jfissirx li il-proceduri odjerni huma proceduri kriminali, kwindi l-preskrizzjoni citata mill-intimata mhijiex applikabbli ghal dan il-kaz.

Illi bhal kull azzjoni, hemm terminu li fiha l-azzjoni tista' titressaq. Fil-kaz odjern, l-artikoli succitati tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jikkontemplaw pieni ta' indoli kriminali, inkluz il-prigunerija, u ghalhekk huwa imperattiv li jigi stabbilit it-terminu preskrittiv sabiex azzjoni bhal din tista' tigi esperita' b'success.

Illi in tema legali tajjeb li jigi rilevat illi l-kawza odjerna titratta dwar kawza ta' disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti. Bhala tali taqa' taht id-dispozizzjonijiet tal-**Artikolu 988 sa 1003A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta,** u dwar il-principji li jirregolaw l-istess istitut qed issir riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **"Registratur tal-Qorti Superjuri vs Dolores sive Didi Busietta"** deciza minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fit-18 ta' Ottubru 2000 (Citaz. Numru. 1914/98/RCP).

Illi gie ribadit li azzjoni simili tassigura l-buon ordni pubbliku. (**Vol. XXXIX.II.1023**; "**Edward Camilleri noe vs Carmelo Vella**" - Qorti tal-Appell deciza fis-7 ta' Ottubru 1997); u hija intiza mhux biex l-attur jirbah xi haga izda biss li jigi zgurat u mhares l-amministrazzjoni tajba tal-gustizzja. (Ara wkoll "**Il-Qorti vs Antoine R. Camilleri**" LXXIV.iii.546;

"**Registratur tal-Qrati Superjuri vs Kristinu Giordmaina**", deciza fil-25 ta' Settembru 2003 (JRM).

Hu pacifiku fil-gurisprudenza taghna li d-disposizzjonijiet fuq imsemmija huma ta' indoli kriminali. Dan igib mieghu illi kull ma tghid il-ligi dwar dan l-istitut ghandu jithares skont il-kelma tal-ligi u l-ispirtu li jhares il-jeddijiet tal-"akkuzat" f'dak kollu li jista' jitqies ta' natura penali[4]. Dan jghodd ukoll jekk il-procedimenti ghad-disprezz jiehdu s-sura ta' proceduri civili. [5]

Hekk kif gie ribadit mill-Qorti tal-Appell fil-kaz fl-ismijiet "**Catherine Portelli v Joseph Cachia et noe"** (App Civ 28 ta' Jannar 1991):

"*Il-ligi tiddisponi li certi atti jikkostitwixxu disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti u tippreskrivi l-pieni li ghandhom jigu inflitti fuq min jinsab li jkun ikkommetta xi att minn dawk."*

*"Dan il-procediment huwa ta' indoli kriminali. Il-fatt li l-istess procediment gie introdott bic-citazzjoni, cjoe' l-att li ordinarjament jinizja l-kawzi civili, ma jaghtix lil dan il-procediment in-natura civili, u ma jnehhilu xejn min-natura kriminali."*

Illi din il-Qorti taqbel ma din il-linja ta' hsieb.

[4] App. Civ. **8.6.1998** fil-kawza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Calleja*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.186**)

[5] App. Civ. **27.6.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***George Demanuele vs Philip Azzopardi et*** (mhix pubblikata) u Mag. eiv. (Għ) AE **12.6.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Registratur tal-Qrati u Tribunali ta' Għawdex vs John Vella pro et noe.***

Illi kif gie deciz minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kaz fl-ismijiet **Direttur Qrati Civili u Tribunali v Joseph Brincat (**PA(JRM) 29 ta' Settembru 2009):

*"Huwa minnu li biex titressaq kawża bħal din tal-lum jeħtieg li jingħata digriet f'dak is-sens mill-Qorti, imma digriet bħal dak ikun dejjem jirreferi għall-fatt li jitqies bħala għemil ta' disprezz. Il-kawża li ssir dejjem issir b'riferenza għall-għemil u mhux għad-digriet li jidderiegi lir-Registratur biex jiftaħ il-procedura għad-disprezz;*

*Illi fin-nuqqas ta' dispożizzjoni oħra tal-ligi, l-Qorti tasal biex taqbel mal-imħarrek u tgħid li l-azzjoni dwar għemil ta' disprezz lejn l-awtorita tal-qorti jgħodd għaliha ż-żmien preskrittiv ta' sentejn minn dak inhar li jkun sar l-għemil."*

Illi fil-kaz odjern l-ordni tal-Qorti in mertu inghatat fit-13 ta' Lulju 2007 u r-rikorrent ipproceda wara li omm l-intimata xehdet fil-procedimenti pendenti quddiem l-On. Qorti tal-Familja fis-16 ta' Settembru 2009. Ir-rikorrent talab li jittiehdu proceduri ghad-disprezz kontra l-intimata b'rikors datat it-13 ta' Jannar 2010 (fol 26 u 27) u din it-talba intlaqghet b'Digriet tat-13 ta' Jannar 2010 (fol. 28).

Huwa car u manifest li din l-azzjoni ingiebet *fuori termine* billi t-terminu ta' sentejn kien ilu li skada.

Ghaldaqstant din il-Qorti ser tghaddi biex tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-intimata *stante* li l-azzjoni odjerna hija

preskritta *ai termini* tal-artikolu **688(e) tal-Kap 9** tal-Ligijiet ta' Malta.

**Fil-Mertu**

Illi din il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tinvesti ruhha bl-ezami tal-mertu *stante* li ser tghaddi biex tilqa' l-ewwel eccezzjoni sollevata.

Madanakollu tajjeb li jinghad li l-azzjoni m'ghandhiex tinrexxi anke fil-mertu billi mill-atti, jirrizulta li l-uniku digriet esebit huwa dak fuq premess fejn il-Qorti ordnat lill-genituri tal-intimata biex johorgu mid-dar. Dak premess fir-rikors promotur fis-sens li l-genituri tal-intimata gew projbiti milli jmorru fid-dar konjugiali ma jirrizultax mill-atti.

Illi proprju minhabba l-indoli kriminali tal-azzjoni odjerna, mhuwiex permess li din il-Qorti taghti interpretazzjoni wiesgha ghall-ordni tal-Qorti.

Illi hu pacifiku wkoll li l-akkuza ta' disprezz iggib maghha l-htiega li tigi ppruvata, minn min qieghed jixli, l-intenzjoni tal-persuna mixlija li tisfida l-ordni tal-Qorti u b'hekk l-awtorita` taghha. ("**Registratur tal-Qorti Superjuri vs Anna Mizzi**"- P.A. (RCP) deciza fit-12 ta' Dicembru 2001); u minghajr din l-intenzjoni ma jsir l-ebda disprezz. (Vol LXVII.II.7) (Ara wkoll," **Direttur Qrati Civili u Tribunali vs Joseph Tonna",** P.A. (JZM) 162/2007 deciza fil-11 ta' April 2011).

**Applikazzjoni ghall-kaz in ezami:**

Illi jsegwi wkoll li jinkombi fuq l-attur li jipprova mhux biss l-intenzjoni tal-persuna mixlija li tisfida l-ordni tal-Qorti u b'hekk l-awtorita` taghha, izda evidentement l-att jew ommissjoni li jikkostitwixxu d-disprezz.

Illi fix-xhieda moghtija fis-16 ta' Settembru 2009, Dok B (fol 9 *et sequitur*), Catherine Schembri ikkonfermat fid-depozizzjoni li kienet inghatat, li kemm hi u kemm ir-ragel taghha, imorru ghand binthom darbtejn fil-gimgha biex jghinuha billi hija ghandha marda u jenthieg li jbiddlulha t-tank tal-ossigenu u tal-gass.

Illi din il-Qorti, wara li ezaminat ix-xhieda prodotti, hija tal-fehma li ma jirrizultax mill-provi li l-genituri tal-intimata ghadhom qed jghixu fid-dar konjugali. Emmanuel Beck, ir-ragel tal-intimata, jishaq proprju fuq dan il-punt tar-residenza tal-genituri ta' martu fl-affidavit tieghu qabel ma ippresenta r-rikors tieghu quddiem il-Qorti Civili bhala Qorti tal-Familja.

Li jirrizulta huwa li Catherine Schembri u zewgha jmorru fil-fond ghand binthom biex jghinuha specjalmetn minnhabba il-marda li hija afflitta biha, izda mhux li jabitaw hemm u konsegwentement mhumiex qed jagixxu bi ksur tal-ordni tal-Qorti skont il-kopja esebita bhala **Dok.A** f'dawn l-atti.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimata u tichad it-talbiet bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrent.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**31 ta' Ottubru 2017**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**31 ta' Ottubru 2017**